MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 820/2012

**Carmelo Caruana Company Ltd (C 9616)**

**vs**

1. **Western Company Limited (C 19994)**
2. **Western Agency Company Limited (C 47450)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ hemm **talba** biex is-Socjetajiet Konvenuti jigu kundannati jhallsu bejniethom is-somma ta' elfejn, disa' mija u erbgha Ewro wiehed u sebghin centezmi (€2,904.71c) bhala *quantum* dovuta lis-Socjeta' Attrici ghal servizzi bil-bahar minnha provduti lis-Socjeta' Western Company Ltd (Dok A), liema somma thallset permezz ta' *cheque* mahrug mis-Socjeta' Konvenuta l-ohra Western Agency Co Ltd liema *cheque* gie "referred to drawer". Bl-imghax u bl-ispejjes ta' ittri ufficjali.

Ghal dan is-Socjetajiet Konvenuti **eccipew** hekk:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sena per art. 2147(d) tal-Kap 16 – Kodici Civili.

2. Preliminarjament ukoll li s-Socjeta’ Western Agency Co Ltd ghandha tigi liberata minhabba nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejnha u s-Socjeta’ Attrici.
3. Il-vetturi ngarru permezz ta’ *trailer* u mhux *container* kif inghad bil-qerq mis-Socjeta’ Attrici u t-tariffa ta’ transport permezz ta’ trailer hi inqas minn dak pretiz.
4. L-ammont mitlub mhux dovut billi m’hemmx VAT fuq il-*freight*.
5. Fil-mertu il-pretensjonijiet attrici huma infondati.
6. L-ammont mitlub hu inqas minn dak dovut mis-Socjeta’ Attrici lil Western Co Ltd bhala VAT fuq merkanzija u konseji ohra.
7. L-istess ammont hu inqas minn dak dovut lil din is-Socjeta’ Konvenuta bhala danni ghal vettura ALFA 156 li giet nieqsa.

Hawn tressqet KONTRO-TALBA fis-sens li, invista tal-kontestazzjonijiet u eccezzjonijiet imsemmija s-Socjeta’ Attrici ghandha tigi kundannata thallas lis-Socjeta’ Western Compnay Limited il-*quantum* ta’ €3450 bhala danni ghall-vettura Alfa li giet nieqsa meta kienet fil-kustodja tas-Socjeta’ Attrici.

Ghal din il-KONTRO-TALBA kien hemm RISPOSTA hekk mis-Socjeta Attrici Carmelo Caruana Company Limited:-

1. Il-Kontro-Talba ghandha tigi michuda ghax l-Alfa ma gietx nieqsa meta kienet fil-kustodja tas-Socjeta’ Carmelo Caruana Co. Ltd.
2. Ma kien hemm ebda negligenza da parti ta’ din is-Socjeta’ u ma tistax tigi tenuta thallas danni.
3. Il-Western Co Ltd trid iggib prova ta’ dak kollu minnha allegat.

Fl-udjenza tal-14 ta’ Ottubru 2013 is-Socjeta’ Attrici talbet korrezzjoni fl-AVVIZ billi fejn jissemma li t-trasport kien bil-bahar, dan kien bl-art. It-talba ntlaqghet.

Hawn il-Konvenuti ressqu mill-gdid eccezzjonijiet hekk.

1. Nullita’ tat-talba ghax saret bil-fomm u mhux bil-miktub.
2. Preskrizjzoni – art 2147(d) Cod. Civ.
3. Simili ghal dik nru 2 fl-ewwel eccezzjonijiet
4. Nullita’ minhabba nuqqas ta’ esibizzjoni ta’ *invoice* jew *statement of account*.
5. It-trasport kien bil-bahar ghax Malta hi gzira.
6. Simili ghal dik nru 4 tal-eccezzjonijiet ta’ qabel
7. *Ditto,* ecc nru 5
8. *Ditta,* ecc nru 6
9. *Ditto* ecc nru 7

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li jitqiesu flimkien ma dak kollu li tressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fil-process.

2. Julian Attard, *Freight Forwarding Manager* mas-Socjeta' Attrici, qal li jaghmlu xoghol bil-bahar u *trailers* lejn Malta lill-Konvenuti, li jimpurtaw karozzi. Esebixxa *invoice* Dok JA (a fol 28) b'riferenza ghad-Dok A mal-AVVIZ. Hemm il-vjagg bl-art sal-vapur u l-vjagg bil-bahar. Fil-bidu l-vetturi jingabru mill-post indikat mill-klijent u jittiehdu fid-Depot tal-Kumpanija u wara jingarru ghal Genoa ma ngenji ohra u minn hemm ghal fuq il-vapur. Esebixxa Dok JA1, 2, 3, 4 – *notice of arrival* ta' 4 vetturi moghtija lill-Kumpanija mit-truckers taghha. Wara jikkomunikaw mal-klijent biex jigi ghall-vetturi. In kontro-ezami ta aktar dettalji u wiehed ghandu jara dan f'pag 26/27 tal-process.

3. Meta xehed ulterjorment (a *fo*l 44 et seq) hu esebixxa d-Dok AB – CMR li ma kellux f'idejh fil-mument tal-konsenja u Dok BC huma *emails*. Hawn ta' aktar dettalji u semma xi nuqqasijiet vis-à-vis il-proceduri tas-soltu.

4. Karl Naudi, *Managing Director* tas-Socjeta' Attrici qal li r-relazzjoni mas-Socjetajiet Konvenuti, dwar garr ta' vetturi mill-Ingilterra bdiet xi 7 snin ilu. Fi zmien il-kaz mertu tal-kawza hu kien *Commercial Manager* jew *General Manager*. Meta jingabru vetturi jiddependi minn liema parti tal-pajjiz ikunu ttiehdu sad-Depot – dana riferibilment ghall-hlas. L-*invoice* turi l-irhas hlas.

5. Qal "nikkontendi li l-kont kien thallas fis-sens li nhargu cekkijiet tlett darbiet li izda mbaghad ma setghux jigu msarrfa". Wiehed ghandu jara x-xhieda dettaljata ta' dan *a fol* 51.

6. Anthony Micallef, *Financial Controller* tas-Socjeta' Attrici. qal li skond il-ledger dok AM1 *a fol* 74 il-*quantum* dovut hu ta' €2,904.71. Gew esibiti kopji ta' *cheques* hekk:- Dok AM2 datat 14.10.2011; Dok AM3 datat 14.11.2011 u Dok AM4 datat 29.02.12, tnejn ghal €2436.05 u t-tielet ghal €2963.05 (fol 75/77). L-ewwel tnejn hargu minn Western Company Ltd u l-iehor minn Western Agency Co Ltd A/C Visa. Meta marru jsarfuhom qalulhom "refer to drawer" u "insufficient funds".

7. In kontro-ezami qal li Carmel Bianco kien mar ikellmu mill-inqas 3 darbiet "peress li kien giet tliet darbiet bic-cheque u mbaghad eventwalment ma ssarfux. Qabel kien sar hlas li gie onorat". Cahad li qatt sama kliem ta' "stop payment" minghand C. Bianco. Qalilhom li kellu problemi mal-bank u kien ser jibdlu. Intalbu statement diversi drabi u ntbaghtu.

8. Carmel Bartolo ghas-Socjeta' Konvenuta qal li fir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti kienu joqghodu madwar mejda u jiddiskutu l-prezzijiet. Wara sab li beda jiddiskuti mod u wara jsib iehor. Hu dejjem ried *container* u mhux *groupage containers* u dana biex ma jhallasx ghal haddiehor. Izda qatt ma ghamel *complaint*. *Delivery notes* ma kienux ituhomlu regolarment. Eventwalment il-karozzi kien gabarhom minghand Fahrenheit ta' H'Attard. Qal, rigward ic-cheques, li kien ghamel *stop payment*.

9. Ix-xhieda tieghu spiccat hekk:-

   *It-Tribunal qed jistaqsi lix-xhud direttamnt ghaliex hargu tlett cekkijiet jekk hu qed jghid li ma ghandux bzonn li jaghti l-flus lis-socjeta' attrici u jiena nghid li ghax inbidel il-bank. Jien qed nikkontesta r-rati ghax jien container ridt. Jiena dan ma kontx naghmlu bil-miktub izda bil-fomm ghax huma qatt ma tawni xejn bil-miktub. L-Alfa kienet jew 159 jew 156. Xi elfejn sterlina jigu xi elfejn u erba mitt euro. Il-karozza kienet fil-pussess tas-socjeta' attrici huma responsabbli ghaliha mhux jien.*

10. Fir-Ri-ezami qal:-

    *L-ammont li jien qed nitlob ghal vettura mhux biss il-value tal-vettura izda t-transportation ukoll li jiena tlift. Kien hemm ukoll commission, one hundred eighty u d-differenza li jibqa huma l-freight.*

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL hawn qed iqis dak li sama u kif osserva lil kulhadd waqt it-tehid tax-xhieda; dak li jirrizulta mid-dokumenti esibiti u wara li jati mportanza xierqa lis-sottomissjonijiet elaborati tad-difensuri.

2. L-ewwel ma josserva t-TRIBUNAL hu li s-Socjetajiet Konvenuti qaghdu jirrepetu l-eccezzjonijiet bla htiega, ghax il-korrezzjoni mitluba fl-AVVIZ ma kienetx tehtieg dan u nsibu wkoll eccezzjonijiet ghal kollox frivoli ta' nullita' mmaginarja.

3. Dwar il-Kontro-Talba, is-Socjetajiet Konvenuti ma ppruvaw xejn ghax li ssemmi li l-Alfa kienet jew 159 jew 156 u ssemmi fir-rigward xi elfejn sterlina jigu xi elfejn u erba mitt ewro, turi leggerezza. Dana apparti li ma giex pruvat kif xi vettura specifika apparteneti lis-Socjeta' Konvenuta Western Company Ltd giet nieqsa meta kienet fil-pussess tas-Socjeta' Attrici.

4. Rigward il-preskrizzjoni sollevata mis-Socjetajiet Konvenuti, tali preskrizzjoni giet interrotta bil-prezentata tac-*cheques* esibiti. Carmel Bianco qal li ghamel *stop payment* u qal b'dan lil Ant Micallef li minn naha tieghu cahad. Dan qal li l-bank qalilhom "refer to drawer" u "insufficient funds". Hawn Bianco semma problema mal-bank u li kien ser jibdlu. Dan kollu jwaqqa l-pretensjoni ta' preskrizzjoni sollevata favur is-Socjetajiet Konvenuti.

5. Meta jqis kollox, anke gwidat minn konsiderazzjonijiet ta' ekwita' kif hu statutorjament fid-dmir li jqis, it-TRIBUNAL ihoss li s-Socjeta' Attrici ppruvat il-kaz taghha.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (a) **jilqa** l-eccezzjonijiet ghall-KONTRO-TALBA u (b) **jichad** l-istess KONTRO-TALBA (c) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha ghat-TALBA u **jilqa** t-TALBA kif formulata u jghaddi biex (d) **jikkundanna** lis-Socjetajiet Konvenuti *in solidum* biex ihallsu lis-Socjeta’ Attrici il-*quantum* ta’ elfejn, disa’ mija u erba’ Ewro wiehed u sebghin centezmi (€2,904.71c) liema hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mil-lum b’dana li jekk dan ma jsirx jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u (e) **jikkundanna** *in solidum* lis-Socjetajiet Konvenuti biex ihallsu l-ispejjes kollha tal-Kawza inkluzi l-ispejjes l-ohra mitluba fl-AVVIZ u jhallsu wkoll l-ispejjes kollha tal-KONTRO TALBA.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------